MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 589/2005

**Maltacom plc**

**vs**

**Nabhan u Jacqueline konjugi Al Faitoury**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta` attrici wara li ppremettiet:-

Illi skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi telefonici moghtija mis-Socjeta Attrici, il-konvenuti ghandhom jaghtu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames t'elef, tmien mija u sitta u tmenin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm 5,886.48) in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri tlieta tlieta hamsa erba' hamsa disgha (335459), tlieta sebgha zero disgha erba' zero (370940), tlieta tnejn tlieta sitta tnejn erba' (323624), tlieta

tmienja disgha disgha disgha tlieta (389993), u tlieta sebgha zero disa' sebgha wiehed (370971);

Illi l-konvenuti interpellati diversi drabi sabiex ihallsu l-ammonti dovuti baqghu inadempjenti;

Illi ghalhekk is-socjeta` attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

(1) Tikkundanna lill-konvenuti ihallasu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames t'elef, tmien mija u sitta u tmenin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (LM5,886.48);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta` attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta` attrici u d-dikjarazzjoni solenni ta' l-istess avukat;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuti **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi:

(1) Tikkundanna lill-konvenuti ihallasu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames t'elef, tmien mija u sitta u tmenin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (LM5,886.48);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------